# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 81**

**Nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2019, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 81 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2019, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Mario Sammut - Kunsiller
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:22pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

81.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

81.4 Korrispondenza

81.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

81.6 Rapporti;

81.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

81.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

81.9 Mozzjonijiet;

81.10 Estimi Finanzarji 2018

81.11 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

TMIEM

**81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

81.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva żewġ noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa, mingħand id-Duptat Sindku Eman Vella u mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci, li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

81.1.1.i Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta dawn iż-żewġ noti u għalhekk dawn iż-żewġ Kunsillieri tniżżel bħala assenti b' apoloġija.

**81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

81.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

81.3.1.i Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill is-sitwazzjoni tal-proġett tal-Miżura 4.3 u kif, wara il-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mal-perit tal-Water Services Corporation, il-Kunsill ġie infurmat li fi' Trejqa tal-Armaġġ kienu ser isiru xogħlijiet mill-istess WSC dwar il-proġett 'New Water'. Għaldaqstant ma kienx għaqli ji din it-triq tingħata wiċċ ġdid issa mill-Kunsill permezz tal-Miżura 4.3.

81.3.1.ii Il-Kunsill qabel unanimament għalhekk sabiex issir talba għal-bdil f' dan il-proġett tal-Miżura 4.3 fejn Trejqa tal-Armaġġ titneħħa mill-proġett.

81.3.2 Is-Sindku semma' li kien hemm rispons pożittiv dwar Ġieħ l-Imġarr 2019 u reġa' semma li kien hemm bżonn li jibda' jinħatar sotto-kumitat ad hoc sabiex jieħu ħsieb l-organizazzjoni u t-twettieq ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

81.3.3 Waqt laqgħa li kellu dwar il-ġbir ta' skart organiku, is-Sindku irċieva rapport li jindika li ma kienx hemm problemi kbar dwar dan il-ġbir fil-lokalita'. Dan l-aktar peress li l-iskema ilha li ddaħħlet fl-Imġarr.

81.3.4 Is-Sindku semma li kien hemm pjan sabiex il-proġett tal-Għasfura jinfetaħ uffiċċjalment mill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici fis-26 ta' Marzu. Se jsiru kuntatti mal-uffiċċju tal-Ministru dwar il-loġistika tal-okkazzjoni.

**81.4 Korrispondenza**

81.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

81.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-proposta tal-ftehim mal-kumpanija FACES dwar installazzjoni u manutenzjoni tal-Bus-Stops fil-lokalita'. Wara li l-Kunsill ra wieħed wieħed il-bus-stops u qabel mal-proposta. Għaldaqstant il-ftehim ġie maqbul u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

81.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-applikazzjoni għad-DNO dwar il-proġett tal-outdoor gyms fil-Housing Estate.

81.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-risposta tas-Sur Tommy Debono minn Transport Malta dwar il-proposta mingħand Infrastructure Malta li Triq Sir Harry Luke tiġi bi' traffiku f' direzzjoni waħda. Is-Sur Debono qabel mal-

punit mressqa mill-Kunsill Lokali speċjalment dwar id-devjazzjoni tal-karozzi tal-linja u dwar il-ftuħ ta' triq sabiex ikun hemm rotta alternativa.

81.4.5 Il-Kunsill irċieva wkoll email mingħand is-Sur Michael Cohen dwar l-immanniġjar tat-traffiku fi' Triq il-Kbira, fejn kien deċiż minn Transport Malta, kif jidher hawn taħt:




**81.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

81.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**81.6 Rapporti**

81.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**81.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

81.7.1 Il-Kunsill approva li għal-Evalwazzjoni tas-sejħa tal-offerti għas-servizz ta' handyman, il-membri tal-istaff Dorianne Farrugia u Natasha Cassar ikunu 'opening staff' filwaqt li il-bord tal-evalwazzjoni ikun magħmul minn Eman Vella, Clayton Gauci u Mario Sammut, bis-Sindku jkun ic-chairman u is-Segretarju Eżekuttiv ikun is-Segretarju tal-Bord.

81.7.2.i Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-ftehim tal-GreenMT għas-sejħa dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli mil-lokalita' filwaqt li kkonferma li għalkemm ġew imsejjħa sabiex jibgħatu proposta ukoll, il-Kunsill ma rċieva xejn mingħand il-GreenPak saż-żmien u l-ħin stipulat.

81.7.2.ii Il-Kunsill ra' il-proposta tal-GreenMT u ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom biex jiġu ċċarati xi punti mill-proposta tagħhom.

**81.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

81.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti numru 2/2019 li kienet tammonta għal-€64,471.96.

81.8.2 Il-Kunsill ra l-iskeda u approvaha unanimament.

**81.9 Mozzjonijiet**

81.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**81.10 Estimi Finanzjarji 2018**

81.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018.

81.10.2 Wara li ġew diskussi u studjati, inħass il-bżonn li il-Kunsill jingħata kjarifiki dwar xi punti mill-Accountant. Għalhekk is-seduta ġiet sospiża temporanjament fis-6:52pm biex saret telefonata lis-Sur Daniel Galea.

81.10.3 Fis-7:09pm, wara li spiċċat it-telefonata, is-seduta reġgħet tkompliet u l-Kunsill approva unanimament dawn l-Estimi u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**81.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

81.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:14pm.

81.11.2 Il-Laqgħa numru 82 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu 2019, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***